**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar it-Tlieta 19 ta` Ġunju, 2018.**

**Talba Nru: 455/2017PA**

**Lawrence Theuma**

**vs**

**Jesmond Pulis**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fit-28 ta` Settembru 2017 li permezz tiegħu l-attur talab li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut jirrifondilu s-somma ta` ħamest elef Ewro (€5,000) li huwa kien kostrett iħallas lil terż, meta din is-somma kienet proprjament dovuta mill-konvenut, inkluż l-ispejjeż relatati, bl-imgħax sad-data tal-ħlas effettiv, u bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta` sekwestru kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut, għalkemm kien debitament notifikat bl-Avviżi tat-Talba u tas-Smigħ, baqa’ ma ppreżentax Risposta.

Ra li, madankollu, il-konvenut deher assistit fl-udjenza tad-9 ta` Jannar 2018, u ngħata żmien ġimgħa biex jippreżenta r-Risposta tiegħu.

Ra li, minkejja dan, huwa baqa’ ma ppreżentax Risposta, għalkemm attenda għas-smigħ fl-udjenza sussegwenti.

Ra li, meta dan it-Tribunal ħalla l-kawża għas-smigħ tal-provi tal-konvenut, dan naqas li jidher quddiemu, u lanqas ta raġuni għal dan in-nuqqas tiegħu, u lanqas deher għalih id-difensur tiegħu. Minħabba f’hekk, dan it-Tribunal iddikjara magħluq l-istadju tal-provi tal-konvenut fl-udjenza tad-29 ta` Mejju 2018.

Sema’ l-provi mressqa mill-attur.

Sema’ t-trattazzjoni orali tad-difensur tiegħu.

Ikkunsidra li:

L-attur **Lawrence Theuma**[1] xehed li, fil-passat, ċertu Joseph Camilleri kien għamel kawża kontrieh u kontra Jesmond Pulis, u Camilleri rebaħha kontra t-tnejn. Il-Qorti kkundannat lill-attur u lill-konvenut iħallsu €3,000 lil Camilleri, bl-ispejjeż, u dawn kollha ħallashom waħdu l-attur, għalkemm jgħid li huwa ma kellux x’jaqsam. L-attur spjega li ħu u Pulis kienu xtraw trakk mingħand Camilleri. L-attur eventwalment biegħ sehmu mit-trakk lil Pulis, pero` Pulis baqa’ ma ħallasx il-bilanċ tal-prezz tat-trakk lil Camilleri, u Camilleri fittixhom it-tnejn għall-bilanċ.

L-attur ippreżenta kopja ta` affidavit tal-konvenut, li fih xehed dwar dan in-negozju. Huwa qal li hu u l-attur kienu sħab f’negozju ta` trasport tal-vetturi mill-Ingilterra għal Malta. Kienu interessati jixtru transporter mingħand Joseph Camilleri, marru rawh u ddeċidew li jixtruh bil-prezz ta` €14,000. Ħallsuh €1000 depożitu bil-kundizzjoni li tinħareġ *operating licence* sa żmien tlett ġimgħat. Wara xahar tawh

[1] Ara xiehda fl-udjenza tat-13 ta` Marzu 2018, fol.11 sa 12

€10,000 oħra. Camilleri offra li jġibhulhom hu mill-Ingilterra, u f'dak iż-żmien spiċċat is-sħubija bejn il-kontendenti f'din il-kawża, u n-negozju ħadu l-konvenut. Il-konvenut f'dan l-affidavit ikompli jispjega kif żvolga dan in-negozju, u għalxhiex ma ħallasx lil Camilleri.

Meta kompla jixhed[2], l-attur iddikjara li kellu anke jagħmel kawża biex jitħassar sekwestru li kien sarlu minn Camilleri, u li bih inzammitlu l-pensjoni, wara li aktar minn bank wieħed kien żammlu €3,000.

L-attur ippreżenta wkoll kopja ta` diversi atti ġudizzjarji, fosthom żewġ mandati ta` sekwestru bin-numri 2227/11 u 1851/17, ċedoli ta` depożitu, riċevuti ta` spejjeż ġudizzjarji għall-ħruġ ta` tlett kontromandati, inkluż għall-mandat ta` qbid li kopja tiegħu ġiet preżentata wkoll mill-attur. Fost dawn id-dokumenti, hemm kopja ta` sentenza mogħtija minn dan it-Tribunal, diversament presjedut, fil-kawża **Joseph Camilleri vs Jesmond Pulis u Lorry Theuma** (Talba numru 810/2011YMS) deċiża fil-11 ta` Frar 2015[3]. Jirriżulta li, kif xehed l-attur f'din il-kawża, huwa kien xolja s-sħubija mal-konvenut l-ieħor, pero` t-Tribunal ikkundannah solidalment mal-konvenut Pulis biex iħallas lill-attur is-somma ta` tlett elef Ewro (€3,000), bl-imgħax u bl-ispejjeż jekk dan il-ħlas ma jsirx fi żmien tletin jum. Minn din is-sentenza, appella biss l-attur odjern Lawrence Theuma. Il-Qorti tal-Appell (Inferjuri), bħal dan it-Tribunal (diversament presjedut) qabilha, straħet fuq il-kitba li kienet saret bejn Camilleri, minnaħa 'l waħda, u Theuma u Pulis min-naħa 'l oħra, u ċaħdet l-appell.

L-attur ippreżenta wkoll kopja tal-atti magħmula minnu biex tħassar is-sekwestru, flimkien mal-ispejjeż inkorsi minnu biex żbanka flusu sekwestrati żejda, u biex għamel dawn il-proċeduri.[4] Fl-aħħarnett, huwa ppreżenta prospett tat-telf li ġarrab b'konsegwenza tal-proċeduri intavolati minn Camilleri kontrieh u kontra Jesmond Pulis, liema danni jammontaw għal ferm aktar mis-somma ta` elfejn Ewro (€2,000) mitluba minnu b'din il-kawża, b'żieda mar-rifużjoni tas-somma mħallsa minnu lil Camilleri.

---

[2] Ara xiehda, 24.4-2018, fol. 41 sa 42
[3] Fol. 35 et seq.
[4] Fol. 44 et seq.

Ikkunsidra wkoll li:

Din hija kawża ta` rivalsa li l-attur qed jagħmel kontra l-konvenut, għar-rifużjoni ta` ħlasijiet li kien kostrett jagħmel hu lil terż, minħabba fi sħubija fin-negozju li kellu mal-konvenut fil-konfront ta` dak it-terż, liema sħubija pero` l-konvenut innifsu jammetti f'xiehda li ta f'kawża oħra li kienet ġiet xjolta bejniethom fil-kors tan-negozju mat-terż.

Dwar is-solidarjeta` bejn id-debituri, u fil-konfront tal-kreditur, l-**art. 1096** tal-**Kodiċi Ċivili** jipprovdi li:

> **1096.** Il-kreditur jista` jdur kontra kull min irid mid-debituri *in solidum*, b'għażla tiegħu, mingħajr ma d-debitur ikun jista` jopponi l-benefiċċju tal-qsim tal-obbligazzjoni.

Għar-rigward tar-relazzjoni bejn id-debituri solidali, l-**art. 1106** u **1107** tal-**Kodiċi Ċivili** jipprovdu li:

> **1106.** L-obbligazzjoni tad-debituri *in solidum* lejn il-kreditur, tinqasam *ipso jure* bejn id-debituri li, bejniethom, huma obbligati kull wieħed għal sehmu biss.
>
> **1107.** (1) Il-kondebitur li jħallas id-dejn *in solidum* kollu, ma jistax jitlob mingħand l-oħrajn ħlief is-seħem ta` kull wieħed minnhom bl-imgħax minn dak in-nhar tal-ħlas, allavolja jkun hemm ċessjoni ta` jeddijiet.

Mill-provi mressqa mill-attur, jirriżulta pruvat fuq bilanċ ta` probabiltajiet li l-konvenut jirrikonoxxi li s-sħubija kummerċjali li kellu mal-attur kienet spiċċat fil-kors tan-negozju tal-akkwist u l-konsenja tat-trakk bin-numru ta` reġistrazzjoni EBP 647. Il-konvenut ma ressaq ebda prova li, filfatt, l-attur kien baqagħlu xi obbliġu ta` ħlas favur tiegħu, jew favur it-terż, fir-relazzjonijiet ta` bejniethom, meta xoljew dik is-sħubija. Anżi t-Tribunal iqis li l-imġieba tal-konvenut f'din il-kawża, li jagħżel li ma jressaqx Risposta fiż-żmien li trid il-liġi, u mbagħad baqa' ma ressaqx Risposta bl-eċċezzjonijiet tiegħu lanqas meta t-Tribunal taħ żmien itwal biex jagħmel dan, u mbagħad li jagħżel li

ma jidhirx meta kien imsejjaħ biex iressaq il-provi tiegħu, turi biċ-ċar li l-konvenut kien komdu li minn tiegħu ma naqas xejn biex tħallas it-terż, u li ma kellux raġunijiet tajba bizzejjed x'jagħti kontra t-talba għar-rivalsa li qed iressaq l-attur kontra tiegħu, b'din il-kawża.

Kwantu għall-ammont mitlub, l-attur irnexxielu jipprova li filfatt huwa ħallas ferm aktar mis-somma li qed jitlob b'din il-kawża, għall-vantaġġ tal-konvenut jew xort'oħra b'riżultat tan-nuqqas tiegħu li jħallas. L-attur qed jitlob rimbors tas-somma ta` tlett elef Ewro (€3,000) li talab mingħandhom Joseph Camilleri, u li spiċċa ħallasha waħdu l-attur, meta fir-relazzjonijiet bejn l-attur u l-konvenut, din is-somma kellha tkun dovuta mill-konvenut lil Camilleri, u mhux mill-attur. Qed jitlob ukoll rimbors ta` elfejn Ewro (€2,000) spejjeż ġudizzjarji u legali, meta mid-dokumenti eżibiti minnu jirriżulta li nkorra ferm aktar spejjeż fi proċedimenti ġudizzjarji, u biex jirrilaxxja flus li ma kellux jagħti. Sadanittant, il-konvenut l-ieħor baqa' komdu u ma bata xejn.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta` ħamest elef Ewro (€5,000), bl-imgħax u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**